**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 25 TA' APRIL, 2002**

Numru: 16

Avviz Nru: 1222/01AE

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Wembley Motors Ltd**

**Vs**

**Carmel Mifsud u b'digriet moghti fis-16 ta' Novembru 2001 gie msejjah fil-kawza Orlando Aquilina.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u disgha u sittin lira

Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm469.41), danni li thallsu in segwitu ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Settembru 1999 meta l-vettura EAB 854 misjuqa minn Carmel Mifsud baqghet diehla fil-parti ta' wara tal-vettura KGY 006 misjuqa minn Emilio Persiano.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident (fol. 7), u ddikjara li l-incident gara unikament tort u htija ta' Orlando Aquilina is-sewwieq tal-vettura numru BBJ 425.

Ra d-digriet tas-16 ta' Novembru 2001 u li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza Orlando Aquilina.

Ra li l-imsejjah fil-kawza ghalkemm debitament notifikat ma pprezentax risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fis-6 ta' Settembru 1999 taht il-mina ta' Triq Regjonali, San Giljan.

2. Mill-provi rrizulta li:

- It-trukk misjuq mill-imsejjah fil-kawza kien qieghed jigbed trailer b'ingenju fuqu;

- F’hin minnhom it-trailer tqaccat minn mat-trukk u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq (ara skizz a fol. 20).

- Il-vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta’ registrazzjoni KGY 006 (misjuqa minn Emiliano Persiano), li dak il-hin kienet ukoll ghaddejja minn taht il-mina, irnexxielha tieqaf wara t-trailer.

- L-incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-konvenut giet minn wara u baqghet diehla fil-vettura Mercedes bin-numru KGY 006. Skond ix-xhieda moghtija mill-konvenut (seduta tal-11 ta’ April 2002): *“jiena kont distanza ta’ tul ta’ bejn karrozza u tnejn il-boghod mill-Mercedes. Kif dhalt fil-mina, jiena niftakar illi ma’ l-art kien hemm it-trab”.*

- Fl-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 20) jirrizulta li ma’ l-art kien hemm iz-zrar ma’ l-art. Fatt li gie kkonfermat mit-Tribunal u minn ibnu (Marco Mifsud) li ma kienx fuq il-post meta sehh l-incident u li ghalhekk ix-xhieda tieghu m’hijiex ta’ ghajnuna sabiex tigi deciza din il-vertenza.

3. Huwa risaput li: *“fil-kaz ordinarju tat-traffiku stradali, vejikolu li jkun miexi quddiem vejikolu iehor, u jigi milqut mill-vejikolu ta’ warajh, ikollu favur tieghu, salvi cirkostanzi specjali, il-principju illi responsabbli tal-habta jkun il-vejikolu*

*ta' wara"* (**Buhagiar vs Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Gunju 1959 – Vol. XLIII.i.243). Fil-kawza fl-ismijiet **Dr. R. Zammit Pace noe vs T. Catania** deciza fis-26 ta' Novembru 1987 intqal: *"sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu* ***jzomm proper lookout*** *imma wkoll* ***kontroll shih fuq il-vettura tieghu****. A parti minn* ***speed****, kull xufier ghandu joqghod attent li* ***jzomm distanza ragonevoli mit-traffiku ta' quddiemu*** *b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist... tali xufier ikun fi grad li* ***jiffrena l-vettura tieghu tempestivament****"*.

4. Wara li t-Tribunal gharbel sew il-provi li tressqu quddiemu, huwa tal-fehma li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u ghandu jaghmel tajjeb ghall-hlas tad-danni sofferti mis-socjeta attrici. Mill-iskizz (u l-konvenut ddikjara *"qieghed nigi muri l-isketch a fol. 20 tal-process u jiena nghid li naqbel mieghu"*, jirrizulta li l-vettura tal-konvenut halliet tul ta' tnejn u ghoxrin (22) metru brejk. Velocita ta' kwazi erbgha u sittin (64) kilometru fis-siegha. Inoltre, fi kliem il-konvenut stess, *"jiena kont distanza ta' tul ta' bejn karrozza u tnejn 'il boghod mill-Mercedes"*. Fil-fehma tat-Tribunal bis-sewqan tieghu, il-konvenut qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni li ma kienx lest ghal sitwazzjonijiet mhux mistennija, u b'rizultat ta' liema ma waqafx tempestivament. Kull sewwieq ghandu jirregola s-sewqan tieghu b'mod li jkun

lest ghal sitwazzjonijiet mhux mistennija jew difficli, haga li fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut naqas milli jaghmel.

5. Fir-rigward ta' l-imsejjah fil-kawza Orlando Aquilina, fis-seduta tal-11 ta' April 2002 ecepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn (Artikolu 2153 tal-Kap. 16). Waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-konvenut argumenta li din l-eccezzjoni m'hijiex ammissibbli ghaliex il-konvenut ma pprezentax risposta fit-terminu preskritt mil-ligi. Huwa fatt inkontestat li eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija perentorja, u tista' anke titqajjem fl-istadju ta' l-appell. Anke min baqa' kontumaci fi proceduri quddiem il-Qrati Superjuri, nghata l-jedd li jqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' nota li giet prezentata ghat-tenur ta' l-Artikolu 158 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) [ara f'dan is-sens id-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **United Acceptances Finance Ltd vs John J. Borg proprio et nomine** moghti fit-18 ta' Frar 1998). Sahansitra fil-kawza fl-ismijiet **Services Limited vs Joseph Zammit** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar 1999 intqal: '*kif hu risaput, il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f'noti ta' sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni".*

*Multo magis*, fi proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn m'hemmx il-formalizmu li wiehed jista' jsirb fi proceduri gudizzjarji quddiem il-Qrati ordinarji, ma jidhirx li hemm raguni ghalfejn eccezzjoni ta' preskrizzjoni (diment li hija sollevata mill-parti) ma tistax tinghata u tigi kkunsidrata minkejja l-fatt li ma tkunx inghatat bhala eccezzjoni formali fir-risposta.

Mill-atti jirrizulta ampjament li fil-konfront ta' l-imsejjah fil-kawza l-pretenzjoni hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Ma tressqet l-ebda prova li kien hemm xi interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni.

6. B'riferenza ghall-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta attrici, dawn ma gewx kontestati u jirrizultaw sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Settembru 1999 gewwa Triq Regojali bejn il-vettura Mercedes bin-numru KGY 006 u l-vettura bin-numru EAB 854.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbgha mija u disgha u sittin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm469.41).

3. Jiddikjara li fil-konfront ta’ l-imsejjah fil-kawza Orlando Aquilina, il-kawza hija preskritta.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**